**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**
**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta D.I.E.R.**

**Illum:** 13 ta' Novembru, 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Charlotte Curmi)**

**-vs-**

**Brady Agius, detentur tal-karta tal-identità numru 330988M;**
**Ryan Agius, detentur tal-karta tal-identità numru 113785M;**
**Michael Zammit, detentur tal-karta tal-identità numru 774338M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża miġjuba fil-konfront tal-imputati Brady Agius, Ryan Agius u Michael Zammit u ċioè talli:

**B'diversi atti, ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat:**

Fil-kwalità' tagħhom ta' Sid u/jew Manager u/jew Rappreżentant legali, tal-kumpanija bl-isem ta' Miksons Transport Company Limited (C 22860) ta' Miksons Transport, Hal Far Industrial Estate, Hal Far, Birzebbuga u/jew bħala l-persuni li kienu inkarigati sabiex iħallsu l-pagi dovuti :

Naqsu li jħallsu lil impjegat John Bugeja (K.I. 516563M) is-segwenti:

**1.** Il-**Leave għal Korriment** għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Marzu, 2022 u l-31 ta' Marzu, 2022 ammontanti għal **€1,852.00**;
**2.** Il-**Leave għal Korriment** għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' April, 2022 u t-30 ta' April, 2022 ammontanti għal **€1,852.00**;

**3.** Il-**Weekly Allowance** għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru, 2021 u l-31 ta' Marzu, 2022 ammontanti għal **€121.16**;
**4.** Il-**Leave għal Korriment** għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Mejju, 2022 u l-31 ta' Mejju, 2022 ammontanti għal **€1,852.00**;
**5.** Il-**Leave għal Korriment** għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Ġunju, 2022 u t-30 ta' Ġunju, 2022 ammontanti għal **€1,852.00**;
**6.** Il-**Leave għal Korriment** għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju, 2022 u l-31 ta' Lulju, 2022 ammontanti għal **€1,852.00**;
**7.** Il-**Bonus Statutorju** għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar, 2022 u t-30 ta' Ġunju, 2022 ammontanti għal **€135.10**;
**8.** Il-**Leave għal Korriment** għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Awwissu, 2022 u l-31 ta' Awwissu, 2022 ammontanti għal **€1,852.00**;
**9.** Il- **Bonus Statutorju** għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' April, 2022 u t-30 ta' Settembru, 2022 ammontanti għal **€121.16;**
**10.** Il-**Leave għal Korriment** għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Settembru, 2022 u t-30 ta' Settembru, 2022 ammontanti għal **€1,852.00**;
**11.** Il-**Leave għal Korriment** għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru, 2022 u l-31 ta' Ottubru, 2022 ammontanti għal **€1,852.00**;
**12.** Il-**Leave għal Korriment** għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Novembru, 2022 u t-30 ta' Novembru, 2022 ammontanti għal €1,852.00;
**13.** Il-**Leave għal Korriment** għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Diċembru, 2022 u t-28 ta' Diċembru, 2022 ammontanti għal **€1,708.80**;
**14.** Il-**Bonus Statutorju** għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju, 2022 u t-28 ta' Diċembru, 2022 ammontanti għal **€133.94**;

Li minnhom tħallset is-somma ta' €6,556.00, biex b'hekk is-somma globali dovuta hija dik ta' **tnax il-elf tliet mija tnejn u tletin Ewro u sittax il-ċenteżmu(€12,332.16).**

Għaldaqstant, il-Qorti hija mitluba bir-rispett tordna lill-imputat, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat; ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta Malta sabiex iħallsu l-penali skont il-liġi ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), kif ukoll, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap.452 u cioe illi naqsu lli jħallsu pagi, għamlu tnaqqis illegali, naqsu li jħallsu xi bonus, żammew xi rimunerazzjoni jew xi pagament li għandu jitħallas minflok in-notice, naqsu li jagħtu Vaganzi bi ħlas, naqsu li jagħmlu xi pagament dovut lill-impjegata skont l-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta jew skont xi ordni ta' standard nazzjonali, ordni biex jirregola settur jew xi ordni ieħor magħmul taħt il-kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta; u ai termini tar-Regolament 22 tal-Avviż Legali 247 tal-2003 kif emendat bl-Avviżi Legali 427 tal-2007 u 259 tal-2012 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex iħallsu l-penali ta' mhux inqas minnn erba' mija u ħamsa u sittin Ewro u sebgħa u

tmenin ċenteżmu (€465.87), tordna lill-imputat sabiex iħallas lil John Bugeja (K.I.516563M) is-somma komplessiva ta' **tnax il-elf tliet mija tnejn u tletin Ewro u sittax il-ċenteżmu(€12,332.16)** għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati.

Rat id-dokumenti

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat,

<u>Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024</u>. Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fil-11 ta' Marzu, 2024.

Illi l-imputati ghalkemm jinsabu akkużati f'isimhom propju, kif għandu jkun, dawk l-imputazzjonijiet huma attribwiti lilhom fil-kwalità rappreżentattiva tagħhom bħala sidien, managers jew rappreżentanti legali tal-kumpanija Miksons Tranport Company Limited (C22860).

**Louis Buhagiar** esebixxa l-*employment history* tal-impjegat John Bugeja minn fejn jirriżulta li hu kien impjegat ma Miksons Transport Co. Ltd bħala *driver.*

Ghalkemm fil-verbal tas-**7 ta' Mejju, 2024 jingħad li xehed P.L. Quentin Tanti** liema xhud f'dawn is-seduti jidher in rappreżentanza tal-Malta Business Registry, mix-xiehda tiegħu li nstemgħet aktar kmieni llum irriżulta li dakinhar għalkemm issejjaħ biex jixhed meta kienet ser tibda d-depożizzjoni tiegħu, sar magħruf li ma kienx mħarrek fuq dan il-każ u għalhekk ma komplix jixhed tant li **lanqas traskrizzjoni tax-xiehda msemmija ma saret, ghalkemm <u>il-verbal ma ġiex emendat biex jirrifletti dan.</u>**

M'hemmx dubbju li dan wassal lill-Prosekuzzjoni tagħlaq il-provi tagħha kif irriżulta li kien il-każ *seduta stante* fejn, wara li nstema l-istess rappreżentant tal-MBR bil-ġurament, irriżulta li dakinhar tas-7 ta' Mejju, 2024, kien ser jibda jixhed iżda meta sar magħruf li ma kellux l-informazzjoni meħtieġa x-xiehda tiegħu twaqqfet bl-intendiment li jġib dik l-informazzjoni f'seduta oħra.

Sfortunatament għal każ, kif anke konċess b'lealtà u b'korrettezza mill-abbli difensur tal-imputati, dan ma seħħx. B'konsegwenza ma ġiex pruvat in-ness bejn l-imputati u l-kumpanija sal-livell ta' prova rikjest u l-imputati ġew liberati.

Illi l-uniku dokument li jorbot il-kumpanija ma wieħed mill-imputati u ċioe ma Brady Agius, ir-*Report of Injury and Application for Benefit,* **ma ġiex awtentikat skond il-liġi u ċioe mill-OHSA għalkemm tassew ġe preżentat mill-impjegat li lilu ġie rilaxxat**.[1] Hu għalhekk biss li din il-Qorti mhix tagħti piż probatorju lill-imsemmi dokument li għandu jingħad li jidher li parti minnu imtliet mill-imputat Ryan Agius li jaghti l-indirizz elettroniku tiegħu u fejn ġie stampat it-timbru tal-kumpanija involuta, liema timbru bilfors kien f'idejn rappreżentant tagħha!

Madanakollu ma nġabitx prova li dan l-indirizz elettroniku tassew jappartjeni lill-imputat Ryan Agius ghalkemm kollox hekk jindika. Il-firma fuq dan id-dokument ukoll tidher li hi ta' Ryan Agius ghalkemm dan ma ġiex pruvat sal-grad mistenni. Il-prosekuzzjoni setgħet ressqet bħala xhud anke għal dan il-għan lit-tabib firmatarju ta' dik l-applikazzjoni, Dr. James Mifsud. Għalkemm ittellgħet rappreżentant tad-Dipartiment għas-Servizzi Soċjali, Sarah Mifsud, din fl-ebda ħin ma ntalbet sabiex tikkonferma l-imsemmi dokument.

Mix-xiehda tar-rappreżentant tad-Dipartiment Nigel Xuereb Said, ukoll jirriżulta n-ness ta' Ryan Agius mal-kumpanija ġaladarba meta ikkuntattjat mid-Dipartiment dan saħaq li l-kumpanija ma kienitx lesta tħallas lill-impjegat għaliex l-inċident seħħ b'riżultat tan-negliġenza tal-impjegat innifsu.[2] L-istess dikjarazzjoni issir fir-*Report of Injury and Application for Benefit* fil-parti fejn jiġi indikat "(to be filled in by Employer)". Però ma jirriżultax, għalkemm il-Qorti tista' tippreżumi li hekk hu, li Ryan Agius kien is-sid, manager jew rappreżentant legali tal-kumpanija fuq imsemmija.

Jingħad ukoll ghal kull buon fini li kien biss ghal dan il-fatt li fil-fehma tagħha in-ness bejn l-imputati jew xi wieħed minnhom mal-kumpanija li impjegat lil Bugeja, ma ġietx soddisfaċentement ippruvata li l-Qorti qed tillibera lill-imputati. Lanqas ma nġabet il-prova li xi wieħed mill-imputati kellu rwol ta sid jew manager ghalkemm fix0xieda tiegħu Bugeja jsemmi li meta sar l-inċident kien l-imgħallem tiegħu, Ryan Agius, li bgħatu jħott trailer f'Bulebel u li kien mal-istess imputat li kien jikkomunika sabiex jieħu l-benfiċċju ta' mard.

Ghal kumplament il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni sostniet il-każ tagħha sal-grad rikjest in kwantu ghal dak dovut lill-impjegat kemm bħala id-dritt għal kumpens innifsu kif ukoll in kwantu għall-komputazzjonijiet kif ikkalkolati mid-Dipartiment.

[1] **Dok.JB**. Report of Injury and Application for Benefit datat 28.12.21

[2] Vide ukoll **Dok.NXS**

In vista tas-suespost il-Qorti m'għandhiex għażla għajr li tillibera lill-imputati mill-imputazzjonijiet lilhom addebitati.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**